MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ALBERT J. MAGRI

Seduta tad-29 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 846/2000/1

George Vassallo ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Parteno – Group S.r.l.
vs
Francis Busuttil & Sons Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-4 ta' Mejju, 2000 li permezz taghha s-socjeta` attrici wara li ppremettiet illi bejn l-10 u l-14 ta' Mejju, 1999 is-socjeta` attrici estera li trendi servizzi ta' trasport ta' merkanzija, giet inkarigata sabiex iggorr konsenja gelati minn Franza sa Malta, liema gelati gew ikkonsenjati lid-destinatarju taghhom is-socjeta` konvenuta Francis Busuttil & Sons Limited fl-14 ta' Mejju, 1999 hekk kif jidher mid-'Delivery Order' Numru 80368 ta' l-istess data (dok A); illi ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta hija debitrici fil-konfront tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elfejn lira maltin (LM2,000) rappresentanti l-prezz tal-'freight' ghall-garr tal-merkanzija in kwistjoni kif fuq imsemmi, kif jidher mill-fattura hawn annessa u mmarkata Dok B; illi ghalkemm interpellata diversi drabi

biex thallas dan l-ammont is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti (Dok C) u sad-data ta'llum dan l-ammont ghadu ma thallasx; illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), stante li l-ammont fuq imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-istess ammont; talbet li previa li din l-Qorti tiddecidi skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elfejn lira maltin (LM2,000), oltre l-imghax legali mill-15 ta' Mejju, 1999 sad-data tal-pagament effettiv, rappresentanti prezz ta' 'freight' ghall-garr ta' konsenja gelati minn Franza sa Malta skond ftehim ghal tali appalt bejn il-partijiet.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Jannar, 2000, kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta minn issa stess ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mis-socjeta` attrici.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Mejju, 2000 li permezz tieghu s-socjeta` konvenuta nghatat l-fakolta li tikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta presentata fl-1 ta' Gunju, 2000 li permezz taghha eccepiet:-
1. Illi, fl-ewwel lok, s-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda relazzjoni kontrattwali ma' l-attur u ghalhekk il-pretensjonijiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi jekk l-attur ghandu relazzjoni kontrattwali mal-konvenut, dan huwa debitur tas-socjeta` esponenta ghas-somma ta' seba' mija u tmenin lira Maltin u seba' centezimi (LM780.07).
3. Illi ghaldaqstant a tenur ta' l-artikolu 1196 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) is-somma kif pretiza mill-attur ta' elfejn lira maltin (LM2,000) m'hiex dovuta, jew almenu mhux dovuta f'l-intier taghha billi tinsab pacuta sal ammont fuq imsemmi.

4. Illi fit-tielet lok it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda.
Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mis-socjeta` konvenuta.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Osservat li l-konvenut ma ressaq ebda prova, apparti dawk dokumentarji annessi man-nota tal-eccezzjonijiet u anke naqas li jaghmel il-kontro ezami tax-xhud Mario Loffredo li gie attaposta minn barra. Illi inoltre jidher li ghalkemm il-kawza giet differita gahs-sentenza f'diversi okkazzjonijiet minhabba impenji ohra tal-Imhallef inkarigat, ma saret ebda talba biex il-qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2002 u dawk tad-9 ta' Ottubru 2002, 6 ta' Dicembru, 2002 u 7 ta' Jannar, 2003 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta` attrici qeghda tirreklama kreditu fis-somma ta' LM2,000 kontra s-socjeta` konvenuta ghas-servizzi provduti minnha fit-trasport ta' konsenja gelati minn Strasbourg, Franza li waslet Malta fit-13 ta' Mejju, 1999. Dan il-kreditu jirrizulta minn fattura tal-istess socjeta` attrici indirizzata lis-socjeta` konvenuta u li ggib id-data 15 ta' Mejju, 1999.

Ma hemmx kontestazzjoni li l-merkanzija in kwistjoni giet trasportata minn Strasbourg u waslet Malta f'kondizzjoni tajba. Biss is-socjeta` konvenuta qed issostni li fl-ewwel lok hi ma ghandha ebda relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta` attrici u fit-tieni lok, jekk din ir-relazzjoni tirrizulta, ghandha ssir tpacija ta' parti mill-kreditu ma' ammont li l-istess socjeta` konvenuta tirreklama kontra s-socjeta` attrici naxxenti minn negozju precedenti li kien hemm bejniethom.

Minn ezami tal-atti processwali u partikolarment id-dokumenti ezebiti kif ukoll ix-xhieda ta’ George Vassallo u Mario Loffredo jirrizulta ampjament li s-socjeta` attrici li taghmel xoghol ta’ trasport internazzjonali kienet, f’Mejju 1999 meta inghata dan il-kuntratt ta’ trasport, rappresentata hawn Malta mis-socjeta` Island Freight Services Limited bhala agent tal-istess socjeta` attrici. Ghalhekk kull trattativi li saru mal-istess Island Freight Services Limited in konnessjoni ma dan it-trasport ma kienux qed isiru ghan-nom u fl-interess tal-istess Island Freight Services Ltd izda fl-interess u akkont tal-principal taghha u cioe s-socjeta` attrici. Dan il-fatt jidher accettat mill-istess socjeta` konvenuta fil-kuntest tat-tieni eccezzjoni taghha billi din trid tpaci kreditu pretiz kontra l-istess socjeta` attrici mal-ammont meritu tal-kawza. L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ghalhekk mhux gustifikata.

Illi dwar it-tpacija jirrizulta li din l-eccezzjoni ma hijiex gustifikata nkwantu sabiex tista` topera t-tpacija iz-zewg krediti jridu jkunu certi, likwidi u dovuti. Izda fil-kaz in ezami filwaqt li jirrizulta li l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici ma jirrizultax kontestat, annzi huwa ammess bis-semplici fatt tat-tpacija allegat mis-socjeta` konvenuta, l-ammont reklamat mis-socjeta` konvenuta la hu cert u lanqas ma jirrizulta dovut. Infatti l-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta ghas-somma ta’ LM780.07 hija kkontestata mis-socjeta` attrici kif jidher kemm fid-dokument PG2 a fol 44 tal-process kif ukoll fix-xhieda tal-istess George Vassallo u Mario Loffredo. U billi ma saret ebda kontrotalba mis-socjeta` konvenuta sabiex l-pretensjoni taghha tigi determinata, din il-qorti ma tistax takkorda t-tpacija.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, tilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn lira maltin (LM2,000) ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni, u dana bl-imghax legali kif mitlub fic-citazzjoni.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta` konvenuta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------